

DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TAL-EFTA

Nrū 167/08/COL

tat-12 ta' Marzu 2008

dwar l-allegata għajnuna illegali mill-istat għall-impriża Troms Tre AS (in-Norveġja)

L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA tal-EFTA (¹),

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (²), u partikolarment l-Artikoli 61 sa 63 u l-Protokolli 3 u 26 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità tas-Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja (³), u b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 24 tiegħu,

Billi:

1. Proċedura

Permezz ta' ittra bid-data tal-20 ta' Ġunju 2005, l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA rċeviet ilment mingħand l-impriża legali Norveġiża Selmer (⁴) fisem klijent anonimu dwar allegata għajnuna illegali mill-istat għall-impriża Troms Tre AS (⁵), produttur ta' diversi prodotti tal-kostruzzjoni magħmula mill-injam. L-ittra waslet u għiet reġistrata mill-Awtorità fl-24 ta' Ġunju 2005 (Avveniment Nru 323812).

Permezz ta' ittra bid-data tal-1 ta' Lulju 2005, l-Awtorità ressjet l-ilment lill-awtoritajiet Norveġiża għall-kummenti (Avveniment Nru 324515).

Permezz ta' ittra bid-data tal-20 ta' Settembru 2005, l-awtoritajiet Norveġiża rrispondew għall-allegazzjonijiet fl-ilment billi qalu li l-għoti tal-kapital ikkostestat ma kienx jikkostitwixxi għajnuna mill-istat. L-ittra waslet u għiet reġistrata mill-Awtorità fil-21 ta' Settembru 2005 (Avveniment Nru 334843).

Permezz ta' ittra bid-data tal-21 ta' Novembru 2005, il-kwerelement informa lill-Awtorità li Troms Tre kienet iddiċċiara ruħha falluta fl-10 ta' Novembru 2005, u li l-propjetà tagħha kienet tpoġġiet f'amministrazzjoni mill-Qorti fil-11 ta' Novembru 2005. Il-kwerelement qal li l-falliment ma kienx jaffettwa l-valutazzjoni tas-suġġett tal-ilment, u kompla bl-ilment tiegħu. L-ittra waslet u għiet reġistrata mill-Awtorità fit-23 ta' Novembru 2005 (Avveniment Nru 351088).

(¹) Minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità".

(²) Minn hawn 'il quddiem imsejħah "il-Ftehim taż-ŻEE".

(³) Minn hawn 'il quddiem imsejħah "il-Ftehim ta' Sorveljanza u l-Qorti".

(⁴) Minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-kwerelement".

(⁵) Minn hawn 'il quddiem imsejħa "Troms Tre".

Permezz ta' ittra bid-data tal-10 ta' Frar 2006 (Avveniment Nru 362331), l-Awtorità bagħtet talba għall-informazzjoni lill-awtoritajiet Norveġiża għal aktar informazzjoni dwar il-propjetà tal-impriża u dwar meta saru l-proċedimenti tal-falliment.

L-awtoritajiet Norveġiża rrispondew permezz ta' ittra bid-data tas-17 ta' Marzu 2006, li infurmat lill-Awtorità li l-proċedimenti tal-falliment ma kinux se jiġu finalizzati qabel tmiem l-2006. L-ittra waslet u għiet reġistrata mill-Awtorità fl-20 ta' Marzu 2006 (Avveniment Nru 367142).

Permezz ta' ittra bid-data tat-18 ta' Lulju 2007 (Avveniment Nru 424054), l-Awtorità bagħtet talba ġidha għall-informazzjoni lill-awtoritajiet Norveġiża sabiex tikseb informazzjoni dwar l-eżitu tal-proċedimenti ta' falliment. Minbarra dan, l-Awtorità talbet informazzjoni dwar minn xtara l-assi ta' Troms Tre u dwar kull rifinanzjament possibbi tal-impriża.

Permezz ta' ittra bid-data tal-20 ta' Awwissu 2007, l-awtoritajiet Norveġiża infurmaw lill-Awtorità bir-riżultat tal-proċedimenti ta' falliment. L-ittra waslet u għiet reġistrata mill-Awtorità fl-20 ta' Awwissu 2007 (Avveniment Nru 434867).

Permezz ta' ittra bid-data tal-4 ta' Diċembru 2007, il-kwerelement irtira l-ilment, fost raġunijiet oħra, minħabba l-falliment tal-benefiċjarju tal-għajnuna allegata. L-ittra waslet u għiet reġistrata mill-Awtorità fis-6 ta' Diċembru 2007 (Avveniment Nru 456318).

2. Il-benefiċjarju tal-għajnuna allegata

Troms Tre għiet stabbilita fl-1972 bl-isem ta' Troms Treforedling. Fl-ilment, l-impriża hija deskritta bħala impriża attiva fil-produzzjoni u l-bejgħ ta' materjali tal-bini, b'mod partikolari *particle boards* għall-finijiet tal-kostruzzjoni. Il-fatturat annwali kien bejn NOK 55 – 65 miljun (bejn wieħed u ieħor EUR 6,9 – 8,1 miljuni).

Il-maġġoranza tal-ishma tal-impriża kieni miżmuma minn awtoritajiet pubbliċi fuq livelli differenti. L-akbar azzjonist kienet il-Muniċipalità tal-Kontea ta' Troms, li kellha madwar 40 % tal-ishma tal-kumpanija. L-azzjonisti l-oħra kieni jinkludu l-muniċipalità ta' Sørreisa, il-kumpanija tal-istat Statskog SF, Troms Kraft, kumpanija tal-elettriku tal-Muniċipalità tal-Kontea ta' Troms, u żewġ organizzazzjonijiet tas-sidien privati tal-foresti fiż-żona, Skogeierforening Nord BA u Troms Skogselskap.

Fl-10 ta' Novembru 2005, Troms Tre ddikjarat lilha nnifisha falluta. L-aktivitajiet tal-impriża ma kinux qed jiġi generaw profiti, u hija ddikjarat li ma kenix tista' tħallas id-dejn tagħha. Il-proprietà tagħha tpoġġiet f'amministrazzjoni mill-Qorti fil-11 ta' Novembru 2005.

Il-proċedimenti tal-falliment ġew terminati u l-kumpanija ġiet stralċata fit-28 ta' Marzu 2007. Skont ir-rapport finali tal-falliment, il-proprietà, il-makkinarju u l-impjant tal-impriża nbiegħu f'Diċembru 2006 lil waħda mit-tliet partijiet li kienet tefgħet l-offerta tagħha fil-proċedura.

3. Deskrizzjoni tal-allegata ghajjnuna mill-istat

Skont il-kwerelant, l-ghajjnuna mill-istat ingħatat lil Troms Tre fil-forma ta' żieda fil-kapital tal-azzjonisti tal-impriża. Skont l-informazzjoni provduta mill-kwerelant, depożiti ta' ishma ta' madwar NOK 10 miljuni kienu saru sad-data tal-ilment. Il-biċċa l-kbira tal-investiment saru minn investituri pubbliċi u skont il-kwerelant dawn ma sarux fuq termini tas-suq. Minbarra dan, il-kwerelant allega li l-kumpanija kienet qed tippjana żidiet oħra fl-ishma matul il-perjodu 2006-2009.

4. Valutazzjoni

Il-benefiċjarju tal-ghajjnuna allegata, Troms Tre, m'għadux jeżisti u l-assi tiegħi inbiegħu fil-kuntest tal-proċedimenti tal-falliment. Il-proċedimenti tal-falliment ġew finalizzati fl-2007. Minbarra dan, skont l-informazzjoni disponibbli għall-Awtorità, l-assi tal-kumpanija nbiegħu fi proċedura ta' offerti mwettqa mill-Qorti skont il-leġiżlazzjoni Norveġiża dwar il-proċedimenti tal-falliment.

Għaldaqstant, il-kumpanija waqqfet kull attivită ekonomika. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, deċiżjoni mill-Awtorità dwar il-klassifikazzjoni bħala ghajjnuna mill-miżuri kkonċernati u l-kompatibilità tagħhom mal-Ftehim taż-ŻEE ma jkollha l-ebda effett prattiku (¹).

Minbarra dan, fuq il-bażi li l-assi ta' Troms Tre nbiegħu fi proċedura miftuħa tal-offerti, l-Awtorità tikkonkludi li jekk kienet qed tingħata ghajjnuna mill-istat lil Troms Tre, din l-ghajjnuna m'għadhiex qed tipprodu ċi effett ta' tfixkil tal-kompe-

tizzjoni u ma tħix beneficiju lix-xerrej tal-assi tal-impriża (²). Għaldaqstant ma jkun possibbli l-ebda rkupru ta' ghajjnuna mogħtija lil Troms Tre (³).

Fl-aħħar nett, l-Awtorità tieħu nota tal-ittra mill-kwerelement bid-data tal-4 ta' Diċembru 2007 (Avveniment Nru 456318), li permezz tagħha ġie rtirat l-ilment.

Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, l-Awtorità tikkonkludi li deċiżjoni dwar il-klassifikazzjoni bħala ghajjnuna mill-istat tal-miżuri li sar l-ilment dwarhom u dwar il-kompatibilità tagħhom mal-Ftehim taż-ŻEE ma jkollha l-ebda effett prattiku. Għaldaqstant, it-tkompliha tal-proċedura stipulata f'Parti II tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti fir-rigward ta' dawn il-miżuri m'għandha l-ebda skop utli.

5. Konklużjoni

Abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjoni, l-Awtorità ssib li l-proċedura kontra Troms Tre m'għandha l-ebda skop utli.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

Il-proċedura mibdija skont l-Artikolu 10 fil-Parti II tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti dwar l-allegata ghajjnuna mill-istat mogħtija lill-impriża Troms Tre AS hija b'dan magħluqa.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tan-Norveġja.

Artikolu 3

Il-verżjoni bl-Ingliż biss hi awtentika.

Magħmula fi Brussell, 12 ta' Marzu 2008.

Għall-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA

Per SANDERUD
President

Kurt JAEGER
Membru tal-Kulleġġ

(¹) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Settembru 2007 dwar il-miżuri ta' għajjnuna implementati minn Spanja għall-każ IZAR, Każ C-47/2003, li għadha mhix ippubblikata, u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2005 dwar il-miżuri implementati minn Franza għall-Mines de potasse d'Alsace, Każ C 53/2000, ĠU L 86, 24.3.2006, p. 20.

(²) Ara, pereżempju, l-Każ C-390/98 H.J. Banks & Co. Ltd v The Coal Authority and Secretary of State for Trade and Industry [2001] ECR I-6117, paragrafu 77, u l-Każ C-277/00 Germany v Commission [2004] ECR I-3925, paragrafu 80.

(³) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Settembru 2007 dwar il-miżuri tal-ghajjnuna implementati minn Spanja għal IZAR, il-Każ C 47/2003, li għadha ma jkix ippubblikata fil-ĠU u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2005 dwar il-miżuri implementati minn Franza għall-Mines de potasse d'Alsace, Każ C 53/2000, ĠU L 86, 24.3.2006, p. 20.